MOVIMENT MISSJUNARJU
ĠESÙ FIL-PROXXMU
NGO VO/0140

103, Charity Street,
Victoria, VCT1204,
Gozo, Malta

**Tel:** 21556453 **Fax:** 21560110
**E-mail:** gfpmta@gmail.com
www.maltamission.com

Teżoriera: Jane Galea Tel: 21552764

Nru. 78 April - Ġunju 2013

# GĦIX BIEX TĦOBB

Dejjem emmint li t-triq tal-ferħ hija dik li TĦOBB u mhux li tkun maħbub biss, dik li taqdi u mhux li tkun moqdi. Hekk għallimna Ġesu', hekk għamel Ġesu' fis-snin li għadda fuq din l-art u hekk għamlu wkoll il-qaddisin.



Li tgħix tħobb ifisser li lil ħajtek tagħtiha sens kbir, billi b'dik li Alla imliek biha, qed ngħid għall-imħabba, tkun taf tqassamha mal-oħrajn, u aktar ma' tħobb aktar tkun trid tħobb. San Ġwann Criżosmu jgħid li min ma jħobbx ikun qed igħix bla skop, u jkompli jżid li jkun qed jokkupa post fid-dinja għalxejn!

L-aħjar żmien ta' ħajjitna hu dak meta nħobbu, inħobbu bla ma naraw wiċċ ħadd ħlief il-wiċċ ta' Ġesu' f'kull persuna. Kemm hawn nies jistennew li jkunu maħbuba, imma ħadd ma jersaq lejhom. M'hemmx għalfejn tiġi fil-missjoni biex tħobb, imma ibda mid-dar tiegħek, mal-ġirien tiegħek u mal-proxxmu kollu. Aħna kbar daqs kemm inħobbu u mhux daqs kemm iħobbuna. L-imħabba u l-qadi tagħna jista' jbiddel ħafna nies muġugħa f'nies ġodda.

Il-Moviment Missjunarju "Ġesu' fil-Proxxmu" fetaħ **uffiċċju fil-Belt Valletta**, f'62, St. Christopher Street, (tel. 21237008). L-uffiċċju jkun miftuħ nhar ta' Erbgħa u Ħamis, mid-9.00 a.m. sa 12.15 p.m. u mis-1.15 p.m. sal-4.15 p.m.
Għaddu dan l-avviż lil kulħadd.



# ĠANNI L-GĦASSIES GĦANDU BŻONNA!



Jien ltqajt ma' Ġanni, għassies ta' bil-lejl fl-orfanatrofju tagħna ta' Rangala l-Kenya. Kont għadni kif ħallejl lit-trabi meta mort nipprova norqod, imma ġie miegħi dan l-għassies biex jeħodni fil-kamra. Dan minħabba li mhux dejjem tajjeb li timxi waħdek bil-lejl f'dawn il-postijiet l-aktar minħabba xi annimali selvaggi li jiġu fuqek bla ma tistenniehom. Bdejna nitkellmu fuq il-familja tiegħu. Dan ġej mit-tribu' Turkana li minħabba ġlied bejn it-tribu' tiegħu ma' dak tal-Pokot tas-Sudan kellu jaħrab minn hemm. It-tribu' Pokot qatel lill-ġenituri tiegħu u lil oħtu u bintu ż-żgħira waqgħet ma' l-art, ħabtet rasha u spiċċat diżabbli. Ħarqulhom id-dar tagħhom imma b'xorti tajba għandhom ħajjin. Illum jgħixu ġo għarix 'l bogħod minn hemm fejn, tista' tgħid, jonqoshom kollox.

Ix-xewqa ta' Ġanni hi li jkun jista' jixtri biċċa art fejn uliedu jkunu jistgħu jaħdmu l-art u jgħixu bil-kwiet hemm. Għalkemm uħud minn uliedu huma żgħar, martu lesta li taħdem l-għalqa. Il-biċċa art li jixtieq jixtri hija ta' €500. Nemmen li xi ħadd jista' jgħin lil din il-familja.



Is-sabiħ ta' dan il-bniedem hu li qalli li ħafer lil dawk li qatlu lill-għeżież tiegħu u kissrulu l-familja kollha kif ukoll ħadu l-baqra u n-nagħġa li kellu. Kuljum jitlob għal dawk li sawtuh u keċċewh minn art twelidu. Huwa spiċċa jgħidli li jitlob ukoll 'l Alla biex uliedu qatt ma jaslu li xi darba jivvendikaw ruħhom minn dawk li qatlu lill-familjari tiegħu.

**BI €28 TISTA' TADOTTA TIFEL JEW TIFLA FIL-MISSJONI!**

ĦU ĦSIEB TIFEL JEW TIFLA FIL-MISSJONI BILLI TAGĦMEL ADOZZJONI FIL-BOGĦOD u tkun qed toffrilhom almenu platt IKEL KULJUM... Il-karita' li għandek ġo fik ma tagħlaq il-bieb lil ħadd... Jekk inti diġa' għandek, ħajjar lil xi ħadd jagħmel bħalek.

# MISSIER TA' FAMILJA JISPIĊĊA BLA MAGNA TAL-ĦJATA



Il-qassis Fr. Aklilu Woldeghiorgis, C.M. jikteb fuq talba li għamillu Belay Ashebir minn Gojeb, l-Ethiopia. Belay jersaq lejn il-qassis wara li kien spiċċa l-quddiesa. Beda jibki quddiemu waqt li wrieh li kellu sieq waħda biss. "Ilni ġej 9 sigħat biex inkellmek; ġejt bit-tama li tisma' l-qarba tiegħi u ta' wliedi. Meta kont żgħir kont waqajt mis-sodda li ommi kienet għamlet għalija minn biċċiet tal-ħadid, u qtajt sieqi. Ommi ħaditni l-isptar u naħseb li t-tobba kienu qalulha biex jaqtgħuli sieqi u hekk għamlu. Għadda ż-żmien u kbirt, dejjem inkaxkar mal-art qisni kelb. B'ħafna sagrifiċċji kont xtrajt magna tal-ħjata SINGER li biha kont ngħajjex lill-familja tiegħi.

Sentejn ilu, f'Amhara kien hemm nixfa u faqar kbir u għalhekk il-Gvern tal-Ethiopia kien neħħiena minn hemm u ġabna dawn in-naħat. Wieħed raġel kien qalli li jista' jagħmilli sieq tal-plastic u jien emmintu u għidtlu biex jagħmilha. Wara sentjen ġie biha u talabni l-flus. Billi flus ma kellix ħadli l-magna tal-ħjata li hija l-għajxien tal-familja. Issa lkoll qed immutu bil-ġuħ. M'għandix minn fejn naqla' l-ħobżna ta' kuljum. Biċċa art raba' ma għandix u anke kieku għandi ma nistax naħdem. Għinni nsib magna ħalli nkompli dak li kont nagħmel qabel, inħit xi qalżiet jew dublett".



L-istorja tispiċċa billi l-qassis jikteb lil Dun Ġorġ biex isiblu l-flus ħalli jixtri magna. Fl-aħħar, wara appell li kont għamilt, Alla pprovda magna Singer minn Malta. Din diga' tinsab għand Belay.

Kemm hu kbir Alla u kemm hu sabiħ li taqsam mal-oħrajn minn dak li Alla jagħtina.

Ħdejn ir-raħal ta' Rangala - Kenya, jgħixu Murin Akini, li għandha tlettax-il sena, hija l-kbira fost ħutha Msumbi ta' 9 snin u Mary Ann ta' 6 snin. Dawn jgħixu man-nanna tagħhom u z-zija tagħhom għaliex il-ġenituri tagħhom kienu mietu bl-AIDS.



Jgħixu ġo għarix fqir u vojt minn kollox. In-nanna ta' 66 sena, ma timxix għaliex kienet kisret sieqha minn diversi postijiet u t-tobba kienu qalulha li ma jafux isewwuha, u forsi jkun aħjar li jaqtgħulha sieqha barra. Din ma rieditx u għalhekk baqgħet biha miksura u tgħaddi l-jum u l-lejl fuq biċċa ta' saqqu tal-ħaxix. Mara tal-knisja li l-uniku ferħ tagħha hu meta jiġi l-qassis iqarbinha.

It-tfal imorru l-iskola, ferm 'il bogħod minn fejn joqogħdu u waqt li bosta tfal jieħdu magħhom ftit tal-ikel, dawn qatt ma jieħdu xejn magħhom. Il-faqar jikkmanda u jsaltan f'dan l-għarix. Meqjusa bħala t-tallaba tal-iskola, għaliex meta jaraw lil sħabhom jieklu huma jibqgħu jħarsu lejhom. Jekk xi ħadd iħenn għalihom huma stess jagħtu minn dak li jkun fadlilhom jew jkunu xebgħu minnu. Kien hemm kap ta' din l-iskola li ma kienx jaċċettahom l-iskola għax ma jħallsux il-miżata tal-iskola, taxxa biex jitħallsu xi pitazzi u ħwejjeġ oħra. Dawn ikollhom bżonn €300 fis-sena għat-tlieta flimkien. Iridu jixtru l-uniformi, imma s'issa qatt ma kellhom waħda.

Meta jiġu mill-iskola qabel ma jieklu xi ħaġa, iridu jmorru 'l bogħod biex iġibu l-ilma d-dar; it-triq ħażina u b'dawk it-tankijiet, speċjalment għat-telgħa, tassew tkun biċċa xogħol iebsa. Nixtieq nibnilhom kamra fejn jorqdu. Għandna bżonn ta' €600. Bil-mod il-mod nibdew nagħtuhom dinjita' u ma nħalluhomx aktar li jħosshom ħażin fl-iskola minħabba l-ġuħ li jkunu bih. Niftakru fil-kelmiet ta' Ġesu: **"Dak li tagħmlu ma' wieħed minn dawn it-tfal għamiltuh miegħi".**



# DAR ĠDIDA GĦAT-TFAL B'DIŻABILITA' SPEĊJALI FID-DJOĊESI TA' JIMMA, ETHIOPIA



Kull min ikollu xi diżabilita' ma jgawdi ebda dritt fl-Ethiopia; biex tkompli tagħqad, isib ruħu mwarrab kemm mill-familja kif ukoll mis-soċjeta'. Il-Moviment Missjunarju "Ġesu fil-Proxxmu" li qed jiċċelebra l-25 sena mit-twaqqif tiegħu ser jfakkar din id-data b'rigal lit-tfal bi ħtiġijiet speċjali. Ser tinbena DAR għat-tfal b'diżabilita' li hemm f'Jimma, fl-Ethiopia. Din id-djoċesi fiha miljun ruħ u din id-dar ser tkun l-unika u l-ewwel waħda ta' dan it-tip. Din id-dar ser tkun imsemmija għal Francis Xavier Cardinal Van Thuan.

Billi hemm mijiet u mijiet ta' tfal li għandhom xi tip ta' diżabilita', hemm bżonn urġenti li kulħadd jagħti l-kontribut tiegħu biex din id-DAR tinbena fl-inqas żmien possibbli.

L-għan ewlieni tagħna huwa li lil dawn it-tfal b'diżabilita', intuhom post tajjeb u xieraq fis-soċjeta'. Dawn it-tfal, ilkoll taħt il-15-il sena, ikollhom ċans għall-edukazzjoni bħal ħaddieħor biex hekk indarruhom imiddu idejhom u jisviluppaw kull kapaċita' u kull talent li jista' jkollhom. Hekk 'il quddiem ikunu jistgħu jgħixu ħajja indipendenti. Aħna nemmnu li "**d-diżabilita' mhijiex inkapaċita'** ". Dawn it-tfal ma nħarsux lejhom bħala nies li qed jgħixu bla skop; f'għajnejna huma 'anġli", "ġawhar" u "teżori" l-aktar prezzjużi. Għalhekk ngħinuhom biex ikollhom dar li tilqagħhom b'dinjita'.

L-art fejn ser tinbena din id-DAR ġiet mogħtija mill-Ġvern tal-Ethiopia u mbierka fil-15 ta' Frar 2012 mill-isqof Markus fil-preżenża ta' Dun Ġorġ Grima u voluntiera Maltin. Kull għajnuna hija meħtieġa, kull għotja tagħmel differenza - wirt, għotja ġeneruża, rigal ta' darba, kolloxjiswa, speċjalment meta huwa mogħti għall-imħabba t'Alla. Ma' Alla ma nikkalkulawx kemm nagħtu. Inħallu l-kuxjenża tmexxina.

# DAR ĠDIDA GĦAT-TFAL B'DIŻABILITA' SPEĊJALI FID-DJOĊESI TA' JIMMA, ETHIOPIA




Disinn ta' kif ġej il-proġett. Iċ-ċentru tad-dar huwa l-kappella, u fil-faċċata Kristu ħaj fuq is-salib.

# It-tbatija ma tħassarx it-tbissima!



**KARUSIJIET TAL-KARTUN GĦALL-FAMILJI MALTIN.** Il-Moviment għandu karusijiet żgħar tal-kartun biex fihom tpoġġi l-muniti għall-missjoni. Kull karus irid ifakkarna li bil-flus nixtru dak li rridu għad-dar tagħna u b'dawk il-muniti li jibqgħu ngħadduhom lit-tfal foqra billi npoġġuhom fih. Itlob biex tingħata karus mill-uffiċċji tagħna u aħna nibagħtuhulek id-dar. Jekk tkun trid tqassam dawk il-karusijiet fit-triq tiegħek, ċemplilna.

**GĦIN** is-sena kollha lill-missjoni. Ibgħat għotja b'SMS fuq:
**5061 7365** għotja ta' € 2.33
**5061 8083** għotja ta' € 4.66
**5061 8933** għotja ta' € 6.99

*Jekk trid tirċievi l-leaflet tagħna bħala e-mail ukoll, u tkun trid tgħaddiha lill-oħrajn, ibgħatilna l-e-mail tiegħek fuq: gfpmta@gmail.com*

Il-Bank Accounts tal-Mov. Miss. "Ġesu' fil-Proxxmu" huma:
**HSBC : 071 20 4242 050**
**BOV : 124 104 030 23; 124 104 030 78**
**APS Bank: 114 966 300 17**
**BANIF Bank: 002 035 721 01**
Wara li tpoġġi l-offerta tiegħek il-bank, jekk jogħġbok ibagħtilna l-irċevuta tal-bank flimkien ma' ismek, kunjomok u l-indirizz u għidilna għaliex poġġejt dik l-offerta, jekk hix tiġdid jew offerta biss. Jekk trid ejja ħallas l-uffiċċju. Alla jpattilek minn din id-dinja stess għall-karita' tiegħek. Tista' tibagħtilna ċekk minn tiegħek ukoll. Tista' tħallas b'bolli ta' 26ċ-il waħda.

**X'TISTA' TOFFRI:**
- € 4.66 - **Papoċċ** għat-tfal kontra l-marda tal-Elephantitis
- € 18.63 - **Xkora Ross**
- € 12 - **Hamper b'tiġieġa** għal familja kbira u fqira
- € 12 - **Pakkett Nappies** ta' 100 għall-"Bed-ridden"
- € 23.30 - **Pakkett Mediċina**
- € 28 - Tista' **tadotta tifel jew tifla** fil-missjoni
- € 81.52 - Tagħti **BAQRA** RIGAL GĦAL 6 FAMILJI FL-ETJOPJA



- OFFRI **NAGĦĠA** lill-familja fqira fl-Ethiopia. NAGĦĠA tiswa' biss €23.29. Ilum bi ftit sagrifiċċju, kulħadd jista' joffri din is-somma ta' darba, u jsir ġid kbir ma' familja tassew fqira. Kieku naraw b'għajnejna l-faqar u l-miżerja li jgħixu fihom dawn il-familji foqra, żgur li ma naħsbuhiex darbtjen biex nagħtu dan ir-rigal ta' nagħġa lil-familja fqira fil-missjoni.
- Naċċettaw fajjenza u kotba għall-Bazaar matul is-sena kollha.
- Aħseb fil-missjoni fit-testment tiegħek.
- Xi ħajta deheb għal-Lotteriji li jsiru għall-missjoni.
- Naċċettaw offerti għall-quddies għall-missjoni.
- Naccettaw TELECARDS U BOLLI wżati għall-Missjoni.

**Avviż:**
**Jekk tircievu aktar minn fuljett wieħed, jew biddlulek in-numru tal-bieb, għarrfuna biex nikkorrieġu fejn hemm bżonn fil-computer. Ħajr**

# APPELL MINN DUN ĠORĠ

Fl-Ethiopia huma aktar minn 90 dar fejn hemm tfal li jirċievu l-ikel ta' kuljum, l-edukazzjoni, u kif ukoll nieħdu ħsieb saħħithom. Il-biċċa l-kbira ta' dawn it-tfal ġejjin minn familji Nsara jew Ortodossi. Il-Bibbja miktuba ma tinsabx l-Ethiopia, u għalhekk l-unika Bibbja miktuba hija l-KURĊIFISS. Meta toffri kurċifiiss, lil xi ħadd, anke jekk żgħir, qisek tajtu l-akbar ikla jew l-ikbar rigal. Fil-kurċifiss, in-nies jaraw l-akbar imħabba ta' Kristu li ġie fid-dinja u fdiena b'demmu, b'mewta kiefra fuq salib. F'Settembru, dawn in-nies tal-Ethiopia jiċċelebraw il-festa tas-Salib, il-festa tal-MESKEL.






Fid-djar tat-tfal fejn l-missjunarji tagħna jgħallmu ma hemm ebda sinjal tal-fidi, u għalhekk hija x-xewqa kbira tiegħi li f'kull dar inpoġġu KURĊIFISS. Nappella għal min jista' jagħtina offerta biex nixtru kurċifiss. Jekk wieħed ma jistax iħallas kurċifiss waħdu, nittama li familji jingħaqdu flimkien biex nixtru dawn il-kurċifissi u npoġġuhom wieħed f'kull dar. Kull kurċifiss jiswa' €100.

Printed by Lewis Press Ltd. Hal Far - Tel: 21655503/04